MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 2/2007/1

**Carmela Farrugia, Tony Farrugia**

**vs**

**JIT Trading Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Ottubru, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Bord;
>
> Ra r-rikors ta’ Carmela Farrugia u Tony Farrugia li jghid hekk:
>
> Illi r-rikors numru 27 tal-2006 fl-ismijiet ‘JIT Trading Limited vs Carmela Farrugia’ pprezentat quddiem dan il-Bord fil-15 ta’ Marzu, 2006, l-imsemmija JIT Trading Limited kienet ppremettiet;

Illi hija propjetarja tal-fond 32 (ga 37) fi Triq Sciortino fiz-Zejtun, mikri favur l-intimata Carmela Farrugia versu l-kera ta’ seba’ u tletin lira maltin (Lm37) fis-sena pagabbli fl-4 ta’ Lulju ta’ kull sena bil-quddiem.

Illi l-intimata kienet biddlet d-destinazzjoni tal-fond mikri lilha u mhux qed taghmel uzu mill-fond ghall-iskop li ghalih gie mikri lilha u cioe’ ghall-uzu residenzjali billi abbandunat il-post inkwistjoni.

Illi ghaldaqstant in vista tal-premess is-socjeta’ esponenti kienet talbet illi dan il-Bord joghogbu jawtorizzha tirriprendi l-pussess tal-fond fuq imsemmi u jiffissa perjodu qasir u perentorju ghal dan l-iskop.

Illi dan il-Bord fil-kontumacja tal-intimata Carmela Farrugia wara li kien semgha x-xhieda bil-gurament u ra l-atti u d-dokumenti kollha laqgha t-talba tas-socjeta rikorrenti u awtorizzha li terga tiehu f’idejha il-fond 32 ga 37 fi Triq Sciortino iz-Zejtun, u bil-ghan ta’ tkeccija ta’ xahar zmien mid-data tas-sentenza bl-ispejjez ghall-intimata.

Illi l-imsemmija JIT Trading Limited irnexxielha tiehu decizjoni favorevoli ghaliha bi zsara tal-esponenti li jirresjedu fil-fond de quo minhabba dikjarazzjoni li saret fir-rikors u d-dikjarazzjoni li ghamel ix-xhud William Sciberras, kemm fis-sena ‘li l-post jidher li huwa abbandunat’ u li ‘l-fond tal-esponenti jidher li ma hemm hadd’.

Illi dawn d-dikjarazzjonijiet mhux minnhom u jafu sewwa d-dirigenti tal-JIT Trading Limited li l-fond huwa abitat ghax gieli raw lill-esponenti u nies ohra fil-fond numru 32 u dana mill-fond l-iehor propjeta’ tad-ditta kif mix-xhud. Dana peress li l-esponenti Carmela Farrugia minkejja li tkun xi zmien rikoverata fid-dar San Vincenz de Paul, fil-

fatt ghada tirresjedi fil-fond numru 32 ga 37 flimkien ma binha ir-rikorrenti Tony Farrugia.

Illi 'n oltre jinghad li l-esponenti qatt ma gew notifikati bir-rikors nurmu 27/2006 u li l-attentati biex issir id-debita notifika saru b'mod irregolari stante li kien hemm tahwid fin-numru tal-bieb u meta eventwalment gie indikat in-numru korrett, ma sarux attentati ta' notifika skond il-ligi imma saret mal-ewwel bl-affissjoni.

Illi l-esponenti saru jafu bir-rikors u s-sentenza biss meta gew notifikati bil-mandat ta' zgumbrament numru 380/07 f'dawn l-ahhar granet.

Illi ghalhekk jezistu ragunijiet tajba biex il-fuq imsemmi rikors 27/06 fl-ismijiet 'JIT Trading Limited vs. Carmela Farrugia' deciz fis-27 ta' Novembru, tal-2006, jigi ritrattat u dana billi il-gravam tar-rikorrenti Carmela u Tony Farrugia huwa specifikament bbazat fuq l-artiklu 811(b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u fuq l-artiklu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artiklu 811(b) tal-Kodici tal-Procedura jipprovdi ghat-thassir tas-sentenza 'jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa'.

Illi l-Kap 69 fl-artiklu 42 jipprovdi li "jekk jinstab li wahda mill-partijiet tkun hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista' taghmel talba mill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors…"

Ghaldaqstant l-esponenti bis-sahha tal-artiklu 811(b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 u tal-artiklu 42 tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi prodotti fil-kawza fuq indikata Rikors Numru 27/06, u jirriserva li jgib kull prova ohra ammissibbli skond il-Ligi kif ukoll bis-subizzjoni tal-intimata JIT

Trading Limited li ghaliha l-esponent jsejjhula minn issa, l-esponenti Carmela Farrugia u Tony Farrugia umilment jitolbu li dana l-Onor. Bord jiddikjara li peress li s-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet "JIT Trading Limited vs Carmela Farrugia" deciza fis-27 ta' Novembru, 2006 u l-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti jaghtu lok ghal ritrattazzjoni taht l-artiklu 811(b) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u l-artiklu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet li ma gewx notifikati l-esponenti bir-rikors u minhabba li d-decizjoni giet mehuda minhabba dikjarazzjonijiet foloz mill-intimata u x-xhieda taghha, u wara li qabel xejn tirrevoka s-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord fis-27 ta' Novembru, 2006 u kull att iehor relattiv u sussegwenti fil-kawza fl-ismijiet premessi, jordna r-ritrattazzjoni tal-istess rikors numru 27/06 u tichad it-talba tal-imsemmija JIT Trading Limited f'dak ir-rikors bl-ispejjez kollha kontra taghha inkluzi dawk tal-ewwel rikors u b'hekk tigi amministrata gustizzja.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti ghad-danni u ghall-hlas ta' penali skond il-Ligi.

Ra wkoll ir-risposta tas-socjeta JIT Trading Limited li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ghadhu jigi verifikat jekk inghatatx garanzija ghall-ispejjez mal-prezentata tar-rikors, kif inhu rikjest a tenur tal-artiklu 815 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi fin-nuqqas, dan ir-rikors ghandu jigi dikjarat null;

2. Illi preliminarjament, jigi eccepit illi r-rikorrent Tony Farrugia ma kienx parti fil-proceduri intavolati mis-socjeta esponenti li dwarhom qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni, u ghaldaqstant, mhuwiex tenut illi jintavola l-proceduri odjerni, u dana kif ritenut skond gurisprudenza kostanti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, ghandu jigi ppruvat illi l-fatti li jikkostitwixxu t-talba ghal-ritrattazzjoni abbazi tal-Artiklu 811(b) tal-Kap 12 gew a konjizzjoni tar-rikorrenti wara li lahaq ghadda t-terminu ghall-appell;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suepost, ma jezistux dawk ir-ragunijiet imsemmija f'Artiklu 811(b) tal-Kap 12 u f'Artiklu 42 tal-Kap 69 sabiex id-decizzjoni ta' dan il-Bord tas-27 ta' Novembru, 2006 tigi revokata u r-rikors ritrattat;

5. Illi assolutament mhuwiex minnu illi saret xi dikjarazzjoni falza kif qieghed jigi allegat fir-rikors guramentat li waslet ghal decizjoni favorevoli, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

6. Illi r-rikors li jgib in-numru 27/06 giet debitament notifikat lir-rikorrenti Carmela Farrugia, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

7. Salv risposta ulterjuri.

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta' intimata JIT Trading Limited;

Is-socjeta' intimata issollevat tlett eccezzjonijiet ta' natura preliminari izda fil-mori tar-rikors irtirat l-ewwel eccezzjoni. Ghahekk dan il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-istess u qed jestendi din id-decizjoni kwantu tolqot it-tieni u t-tielet eccezzjoni.

Illi jehtieg qabel xejn li kollox jitqieghed fil-perspettiva tad-drittijiet miftuha lill-partijiet ghal rikors ta' procedura ta' ritrattazzjoni quddiem dan il-Bord u dan ghaliex, sia ir-rikors in dizamina kif ukoll l-eccezzjonijeit dwaru huma rizultat ta' mixxela ta' drittijiet naxxenti minn zewg kapitoli tal-ligi li mhux kollha huma disponibbli lil parti aggravata. Dan qed jinghad ghaliex ir-rikorrenti adixxew lil dan il-Bord sia fuq id-dispost tal-artikolu 42 tal-Kap 69 kif ukoll fuq id-dispost tal-artikolu 811 tal-Kap 12. Fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qrati taghna, inkluz **Peter Borg vs Emanuel Busuttil (App 12/01/05); Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri (App 10/01/2003) Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe (App 12/05/2003)** liema decizjonijiet huma certament u facilment medezimi mal-kaz in dizamina fejn kien ritenut illi l-procedura ghal ritrattazzjoni quddiem il-Bord li jirregola l-Kera hija biss dik kif ravvizata fl-artikolu 42 tal-Kap 69 bil-forma hemm indikata u tista' tkun vantata unikament meta jkun hemm allegazzjoni li wahda mill-partijiet tkun ottjeniet sentenza b'dikjarazzjoni falza. Altrimenti, kull aggravju elenkat fl-artikolu 811 tal-Kap 12 huwa sindakbli biss u jaqa' taht il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara citazzjoni *ad hoc*.

Issa jirrizulta illi l-partijiet, it-tnejn injoti tal-procedura idonea li bih kellu jkun aderit dan il-Bord, ghamlu riferenza ghall-artikolu 811 tal-Kap 12. Ir-rikorrenti talbu lill-Bord biex jiddeciedi li r-rikorrenti ma kienux notifikati bir-rikors skond il-ligi liema aggravju huwa biss sindakabbli taht id-dispost tal-artikolu 811 tal-Kap 12 u mhux minn dan il-Bord. Fil-fatt ma kellha tithallas ebda garanzija jew malleverija hlief id-dritt tar-registru li skond l-artikolu 29 u 43 tal-Kap 69 liema dritt jidher registrat fuq r-rikors promutur. Din il-garanzija thallset wara l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

Ikkonsidra inoltre illi it-tieni eccezzjoni preliminari tirrigwarda l-inammissibilita' tar-rikors odjern stante li Anthony Farrugia ma kienx parti fir-Rikors 27/06 JC li dwaru qed tintalab ir-ritrazzjoni. Il-partijiet f'dik il-kawza kienu JIT Trading Limited bhala rikorrenti u Carmela Farrugia bhala intimata. Strettament isem il-partijiet kellu ukoll ikun invertit ghaliex skond l-insenjament tal-Qrati taghna, il-procedura ghar-ritrattazzjoni mhix wahda gdida izda kontinwazzjoni ta' process iehor izda l-istess insenjament jidderigi illi dan huwa zball rimedjabbli u ma jaghtix lok ghal-nullita' tal-proceduri. Dan ir-rikors kien intavolat minn zewg persuni, Carmela Farrugia u binha Tony Farrugia izda Carmela Farrugia wahedha kienet parti interessata fil-kawza 27/06 JC. Tony Farrugia ma ghandu l-ebda interess, f'sens guridiku, f'dawn il-proceduri. Fis-sentenza citata **Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe** il-Qorti fissret illi l-partijiet f'kawza ta' ritrattazzjoni jistghu biss ikunu l-partijiet li ghandhom interess guridiku u cioe' l-partijiet li kienu fil-kawza u mhux terzi persuni ohra li jista' jkollhom raguni ghaliex dik il-kawza tkun ritrattata. Fil-fehma ta' dan il-Bord dan hu zball iehor li jista' jkun sanat kif jitolbu l-emendi introdotti fil-Kap 12 bis-sahha tal-Att XXIV tal-1995. Izda mill-*iter* tal-process jirrizulta illi meta s-socjeta' intimata eccepiet in-nullita tar-rikors, ir-rikorrenti ma ghamlu ebda talba biex jissanaw id-difett konsistenti fil-fatt illi terza persuna qed tintavola rikors konguntement mal-parti li wahedha kienet intimata fil-proceduri li dwarhom qed tintalab ritrattazzjoni. Il-Bord ghandu b'hekk jifhem illi r-rikorrenti qieghdin jinsistu illi Tony Farrugia ghandu kull interess f'dawn il-proceduri minkejja li ma kienx parti fil-procedura li ghaddiet in gudikat. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghal din l-eccezzjoni u jippuntwalizzaw illi Tony Farrugia ghandu interess guridiku biex ikun parti f'dawn l-atti. Mir-rikors in dizamina jinghad li Tony Farrugia jirrisjedi fil-fond li minnu kienet ordnata tizgombra l-parti l-ohra

> Carmela Farrugia. Izda dan l-interess, skond l-insenjament tal-Qrati taghna, ma jikkostitwix dak l-interess guridiku rikjest mill-parti li tista' tirrikorri ghal procedura ta' ritrattazzjoni.
>
> Illi fil-fehma tal-Bord dan ir-rikors hu kolpit minn difetti li fil-komplessita' taghhom jirrenduh null u bla effett. Minkejja l-possibilita' ta' sanatorja ta' uhud mid-difetti ma jkunx guridikament korrett li jiddikjara li r-rikors huwa null kwantu msejjes fuq it-talbiet naxxenti mill-artikolu 811 tal-Kap 12 izda validu fejn jinvoka d-dritt ta' ritrattazzjoni taht l-artikolu 42 tal-Kap 69 u null kwantu l-inkluzzjoni ta' terza pesuna fil-proceduri izda validu fejn si tratta tal-partijiet originali u interessati.
>
> Ghal dawn il-mottivi jiddikjara r-rikors null u bla effett.
>
> Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**"**

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg rikorrenti biex jitolbu r-revoka taghha ghab-bazi ta' l-aggravji li gejjin:-

(1) Il-Bord kien legalment zbaljat meta *sua sponte* irrileva n-nullita tar-rikors promotur taghhom bil-motiv illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni kkontemplat mill-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 ma kienx disponibbli ghalihom;

(2) L-interess guridiku ta' Tony Farrugia gie integrat u sanat skond id-dettami tal-*jus superveniens* in virtu tal-mewt ta' Carmela Farrugia fil-kors tal-kawza;

Ghal dawn l-aggravji s-socjeta` intimata wiegbet bil-mod segwenti:-

(1) Il-Bord kien korrett fid-decizjoni tieghu kkontestata bl-ewwel ilment;

(2) La l-procedura tat-trasfuzjoni tal-gudizzju ma saretx meta kellha ssir fil-kors tal-procediment quddiem il-Bord, ma seta' jsir ebda trapass f'Tony Farrugia ta' l-interess li kellha ommu, li mietet qabel il-pronunzjament. Barra minn dan in-nuqqas ta' dik il-procedura jrendi l-appell null in kwantu jigi li dan gie pprezentat minn persuna mejta;

L-EWWEL AGGRAVJU

Jibda biex jigi osservat b'kontemplazzjoni ta' dan l-aggravju illi bl-azzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti talbu lill-Bord ghar-ritrattazzjoni tal-kawza "JIT Trading Limited -vs- Carmela Farrugia" deciza mill-istess Bord fis-27 ta' Novembru, 2006, a norma ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u, ukoll, fit-termini ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69. *Inter alia*, kontra din it-talba s-socjeta` intimata eccepit illi la r-rikorrenti Tony Farrugia ma kienx parti fil-proceduri decizi b'dik is-sentenza huwa ma setax jipproponi f'ismu l-procedura tar-ritrattazzjoni;

Fis-sentenza tieghu l-Bord jigbed dawn il-konkluzjonijiet:-

(i) Il-procedura tar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord hija dik biss rizervata bl-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69;
(ii) Kull motiv ta' ritrattazzjoni taht l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 kien sindakabbli biss mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili bil-forma tac-citazzjoni;
(iii) Ir-rikorrenti Tony Farrugia ma ghandu ebda interess guridiku fil-proceduri *de qua*;

Sfortunatament, ma jistax jonqos li tigi denotata d-dilemma tal-Bord minnu stess krejata fejn dan jargomenta illi ma jkunx guridikament korrett:-
(i) jekk jiddikjara r-rikors null kwantu meqjus fuq it-talba naxxenti mill-Artikolu 811, Kapitolu 12 izda validu fejn hi invokata r-ritrattazzjoni taht l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69;

(ii) jekk jiddikjara null l-istess rikors in vista ta’ l-inkluzjoni fil-proceduri ta’ terza persuna izda validu fejn si tratta tal-partijiet originali fil-kawza li minnha ntalbet ir-ritrattazzjoni;

Kif gja kellha okkazjoni tosserva f’sentenza recensjuri taghha – “**Mary Grace Vassallo -vs- John Axiaq**”, 27 ta’ Frar, 2009 – il-prospettazzjoni maghmula mill-Bord fuq it-tematika in ezami hi wahda fondamentalment u guridikament zbaljata. Il-Bord ma jidherx li rrifletta kif jixraq u bid-dovut rigward ir-ragonament ta’ din il-Qorti fid-decizjoni taghha in re: “**Borg -vs- Busuttil**” (12 ta’ Jannar, 2005) ghaliex, kieku ghamel hekk, kien jinnota illi l-Qorti ma eskludietx mill-isfera tal-gurisdizzjoni tal-Bord adit il-procediment tar-ritrattazzjoni skond xi wiehed mir-rimedji kalendati taht l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Tant dan hu hekk illi l-Qorti ghamlet espressa referenza ghall-enuncjazzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Superjuri tal-5 ta’ Frar, 1945 fil-kawza fl-ismijiet “**Cassar -vs- Mifsud**” u rriaffermat illi l-istitut tar-ritrattazzjoni taht il-Kapitolu 12 kien ukoll miftuh ghar-ritrattazzjoni ta’ sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera. Incidentalment, ta’ l-istess fehma kienet il-Qorti ta’ l-Appell in re: “**Francis Farrugia -vs- Nazzareno Grech**”, deciza fis-7 ta’ April, 1961. Gara li f’dak il-kaz “Borg -vs- Busuttil” ir-ritrattazzjoni intalbet biss a tenur ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 u l-Qorti kkummentat illi dan ir-rimedju specjali, kontraddistint minn dawk l-ohra generali taht il-Kodici ritwali, kien ta’ gurisdizzjoni eskluziva tal-Bord;

Issa, storikament, ghaz-zewg xorta ta’ rimedji l-ligijiet, sija l-Kapitolu 12 u sew il-Kapitolu 69, kienu jikkontemplaw forom procedurali distinti bil-wiehed permezz tac-citazzjoni (Kapitolu 12) u l-iehor bir-rikors (Kapitolu 69). Ankorke l-qaghda kienet baqghet din, certament id-decizjoni fl-ismijiet “**Benny Schembri -vs- Charles Farrugia *et***”, 7 ta’ Ottubru, 1996 kienet turi t-triq li kellu jsegwi l-Bord fil-kaz in ispecje. Dan ghaliex fiha kien gie ragonat illi mentri t-talba tar-ritrattazzjoni konsegwita taht il-Kapitolu 12 ma setghetx tigi konsiderata in kwantu ma

saretx bil-forma tac-citazzjoni, mhux l-istess haga fil-kaz tat-talba ai termini ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 in kwantu din giet sewwa fformulata bil-procedura tar-rikors;

Terga' fl-istat attwali tal-ligi din il-problematika lanqas ma tqum ghaliex bl-emenda apportata ghall-Artikolu 815 tal-Kapitolu 12 bl-Att XXII ta' l-2005 il-procedura bic-citazzjoni giet sostitwita b'dik tar-rikors, anke jekk wiehed guramentat. Rigwardata minn din l-ottika r-ragonament tal-Bord hu wiehed difettuz u l-ilment ta' l-appellanti bl-ewwel aggravju teknikament validu, gjaladarba ma kien jezisti ebda ostakolu procedimentali biex il-Bord jistharreg it-talba tar-ritrattazzjoni devoluta lilu sew mill-aspett ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 kif ukoll minn dak a norma ta' l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12.

<u>IT-TIENI AGGRAVJU</u>

Ghall-ahjar konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju jokkorri qabel xejn illi jigu registrati dawn id-dettalji estratti mill-inkartament tal-kawza quddiem il-Bord:-

(1) Il-kawza li minnha ntalbet ir-ritrattazzjoni, deciza fis-27 ta' Novembru, 2006, kellha bhala litigandi unici taghha l-kumpanija appellata u r-rikorrenti Carmela Farrugia;

(2) Fl-istanza odjerna, introdotta fl-4 ta' April, 2007, iddahhal ukoll fil-veste ta' ritrattand ir-rikorrenti Tony Farrugia. Skond in-Nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom (fol. 55) ir-rikorrenti jispjegaw din l-inkluzjoni ghall-fatt li l-imsemmi Tony Farrugia, oltre li kien hu wkoll residenti fil-post, kien jiehu hsieb l-interessi ta' ommu, ir-rikorrenti Carmela Farrugia u dan, skond huma, jikkostitwixxi fih dak l-interess li trid il-ligi;

(3) Ir-rikorrenti Carmela Farrugia mietet fit-2 ta' Awissu, 2008 izda dan il-fatt tad-decess taghha ma ngiebx ghall-attenzjoni tal-Bord qabel il-pronunzjament tas-sentenza fil-15 ta' Ottubru, 2008. B'danakollu, ir-

rikorrenti jikkontendu illi l-qaghda ta' Tony Farrugia tinsab sorretta u regolata bis-sahha tal-*Jus Superveniens*;

Minghajr ezitazzjoni din il-Qorti tikkonsidra ghal kollox fallaci certu ragonament ta' l-appellanti bir-rikorrenza li huma ghamlu fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet quddiem il-Bord ghall-Artikolu 236 u 960 tal-Kapitolu 12. F'dawn id-disposizzjonijiet l-enfasi tal-ligi huwa fis-sens ta' "kull min ikollu interess" jew "kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra". Invece, mill-ottika ta' l-Artikolu 811 il-ligi espressament tuza dicitura diversa u tghid li kawza tista' tigi ritrattata "fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess";

It-tifsira li certament tinzel minn din il-previzjoni tal-ligi taht l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 hi dik li r-rimedju tar-ritrattazzjoni jista' jigi propost b'mod esklussiv mill-partijiet infushom gja kompartecipi fil-proceduri li fihom inghatat is-sentenza, u mhux ukoll minn kull min ghandu interess. Kif espress minn din il-Qorti kif presjeduta in re: "**Mildred Ferando -vs- Loris Bianchi *proprio et nomine***", 12 ta' Mejju, 2003, citata wkoll mill-Bord, huwa inkoncepibbli, tenut rigward taz-zewg stadji fokali tar-ritrattazzjoni, illi r-rimedju, altament straordinarju, jigi estiz lil min ma jkunx parti u ma jkunx ha sehem fil-gudizzju li tieghu jkun qed jintalab l-annullament u l-konsegwenti ri-apertura tat-trattazzjoni tal-kawza. Ta' fehma konkordi l-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana in referenza ghall-istitut tar-revokazzjoni tas-sentenzi a tenur ta' l-artikolu 395 tal-Kodici ta' Procedura Civili Taljana: "*Ai fini della sussistenza dell'interesse ad impugnare una sentenza con il mezzo della revocazione rileva una nozione sostanziale e materiale di soccombenza, che faccia riferimento non gia alle divergenze tra le conclusioni rassegnati dalla parte e la pronuncia, ma agli effetti pregiudezievoli che dalla medesima derivano nei confronti della parte*" (**Corte Suprema di Cassazione, 2004, Numru 8326, riportata fil-"Commentario breve al Codice di Procedura Civile", Edizjoni Cedam, 2004)**;

Spjanata l-kwestjoni mill-perspettiva ta' l-interess personali tar-rikorrenti Tony Farrugia u dak ta' l-impediment procedurali relatat maghha, l-appellanti, bhal donnhom konxji minn din il-qaghda avversa ghalihom, javvanzaw l-argoment illi l-interess ta' Tony Farrugia ssubentra fil-kors tal-proceduri bl-operat tal-*jus superveniens* minhabba d-decess tar-rikorrenti ommu Carmela Farrugia. Kontra din il-prospettazzjoni s-socjeta` appellata, kif gja manifest fl-esposizzjoni tat-twegiba ghall-appell, jikkontendu illi la ma saretx il-procedura tat-trasfuzjoni tal-gudizzju l-imsemmi appellanti Tony Farrugia ma jistax jippretendi t-trasmissjoni fih ta' l-interess guridiku li kellha ommu. Fuq kollox, li l-appell interpost kien kolpit b'nullita ghaliex dan ma setax jitressaq minn persuna mejta;

Gja gie rilevat aktar 'il fuq illi r-rikorrenti Carmela Farrugia mietet fit-2 ta' Awissu, 2008. Ma' dan l-informazzjoni jrid jizdied illi skond ma jirrizulta mill-atti, fil-mument tal-mewt taghha l-kawza kienet diga` mhollija ghas-sentenza (ara verbal tas-16 ta' Jannar, 2008, fol. 50 u l-verbali l-ohra sussegwenti ghalih a fol. 53 u fol. 54). F'dak l-istadju ma saret ebda talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju. Lanqas ukoll ma giet prezentata talba bhal din kontemporanjament ma' l-appell intavolat fl-24 ta' Ottubru, 2008 u kien biss fis-27 ta' Novembru, 2008 li ntalbet din il-procedura. Talba din opposta mis-socjeta` appellata in raguni ghall-kontenzjoni taghha illi l-appell li sar f'isem Carmela Farrugia kien wiehed irritwali u null.

L-ECCEZZJONI TAN-NULLITA` TA' L-APPELL

Ghal din l-eccezzjoni opposta mill-kumpanija appellata, l-appellanti Tony Farrugia, permezz ta' Nota ta' Sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti (fol. 104) javvanza zewg argomenti bazici. Huwa jissottometti fuq l-istregwa tas-sentenzi minnu citati illi gjaladarba fiz-zmien tal-mewt ta' ommu l-kawza kienet diga` mhollija ghas-sentenza l-

okkorrenza tal-mewt ma kellux ikollha l-effett interruttiv zbaljatament addebitat mill-kontroparti. Sussidjarament, fuq l-insenjament tad-duttrina Taljana, gjaladarba ma kienx hemm urgenza ghall-intavolar ta' atti gudizzjarji u dan ghal fatt li l-interruzzjoni tal-procediment iwaqqaf kwalsiasi terminu milli jibda jiddekorri, *ergo*, ghal kaz tad-deklaratorja tan-nullita`, it-terminu ta' ghoxrin jum ghall-prezentata ta' l-appell kellu jibda ghaddej mill-jum li fih tigi akkordata t-trasfuzzjoni tal-gudizzju, f'liema eventwalita` l-appell ikun jista' jigi ripropost;

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jistatwixxi fl-Artikolu 806 tieghu l-procediment li ghandu fil-kaz tal-mewt ta' xi parti, jigi ezegwit mill-werriet, l-ezekutur jew minn kull wiehed iehor li jkollu interess ghal-legittimazzjoni ta' l-atti. Per principju, is-sentenza li tigi moghtija minghajr ma tkun saret din il-procedura hija nulla jekk meta miet il-parti il-kawza ma tkunx ghadha waslet fl-istat li tista' tigi deciza. Ara "**Giuseppe Callus -vs- Raffaele Psaila**", Appell Kummercjali, 21 ta' Novembru, 1932. Dan premess, hemm qbil pero` ma' l-affermazzjoni ta' l-appellanti illi, fuq it-taghlim tal-Mattirolo u tal-Mortara adoperat fil-gurisprudenza taghna, il-principju ma huwiex wiehed assolut u, anzi jsofri limitazzjoni meta l-kawza tkun waslet fi stat li tkun tista' tigi gudikata. Ara, fost ohrajn, "**Rev. Arcipriet Kanonku Dun Gio Carlo Burlo *nomine* -vs- Avv. Dr. Joseph Galea *et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Marzu, 1964. Hemm ukoll qbil ma' l-appellanti illi l-eccezzjoni relattiva tan-nullita (hlief fil-kaz ta' divizjoni) tmiss biss lil persuna li ghandha l-istess interess li kellha l-persuna l-mejta ghaliex "*quella eccezione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto, i quali potevano rinunziare alla stessa ...*" ("**Giuseppe Pace *et* -vs- Consolata Camilleri *et***", Appell Civili, 4 ta' Gunju, 1932). L-applikazzjoni ta' dan il-principju jabbunda fil-gurisprudenza taghna. Ara "**Alfredo Tonna -vs- Emanuele Vella *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1952 u "**Carmela Mallia *et* -vs- Beatrice Camilleri**", Appell Civili, 21 ta' Ottubru, 1988;

Din il-Qorti ma tistax pero` tieqaf hawn ghaliex dak li gie sollevat mis-socjeta` appellata bl-eccezzjoni opposta ma kienx jinsab f'rabta mas-sentenza tal-Bord izda f'kollegament ma' l-appell minn dik is-sentenza. Dan il-punt jidher li sfugga ghal kollox lill-appellanti Tony Farrugia fil-konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet tieghu lil din il-Qorti;

Issa ma hemmx dubju illi l-kontestazzjoni ta' sentenza permezz tar-rit ta' l-appell timporta domanda fejn wiehed jew wahda mill-partijiet litigandi jirrimetti ghad-diskussjoni quddiem din il-Qorti tat-tieni istanza u fil-konfront tal-kontendent l-iehor, l-oggett tal-provvediment moghti bis-sentenza. Skop preponderanti ta' appell bhal dan hu dak li l-appellanti jottjeni ghaf-favur tieghu l-effett sostitutiv tas-sentenza minnu attakkata. F'dan kollu ghandu ingress il-principju generali ta' l-interess guridiku u ta' dik il-legittimazzjoni li wiehed jattakka s-sentenza biex jikseb ghalih dik l-utilita` li tohrog mill-akkoljiment ta' l-ilment tieghu;

Kif jinsab ritenut, l-origini ta' dak l-interess fl-appellant jinsorgi mill-qaghda tas-sokkombenza tieghu fil-gudizzju u ta' dak il-pregudizzju li hu jsostni li gie derivat lilu mis-sentenza. Ara, a propozitu, id-decizjoni fl-ismijiet "**Onor. Toni Pellegrini *nomine* -vs- Onor. Edward G. Arrigo *nomine et***", Appell Civili, 11 ta' Jannar, 1965. Dan necessarjament ifisser illi, ad eskluzjoni ta' appell mit-terz (Artikolu 236, Kapitolu 12), hu legittimat li jintroduci appell dak li jkollu l-kwalita` ta' parti fil-gudizzju maghluq bis-sentenza u li fil-konfront tieghu s-sentenza tkun inghatat;

Jinzel minn dan illi biex is-successur fid-dritt kontrovertit ikollu s-setgha li jimpunja s-sentenza moghtija kontra d-*dante causa* tieghu hu kellu jkun approvat bhala werriet fil-veste ta' parti fil-process. Dan permezz ta' talba li hu htieglu jaghmel skond l-Artikolu 806 predett <u>jew</u> qabel l-ghoti tas-sentenza <u>jew</u> konkorrentement mal-prezentata

ta’ l-appell minn dik is-sentenza. Jghidu x’jghidu l-ligijiet ta’ pajjizi ohra, la l-ligi taghna ma tikkontjenix disposizzjoni espressa illi fil-fazi tal-procediment interrott bl-evenjenza ta’ mewt hu permissibbli li jigu intavolati atti ohra minghajr ma dawn jitqiesu nulli, ritwalment l-appell intavolat ma setax jigi propost minn parti deceduta li tkun sfat sokkombenti. Fiz-zgur, imbaghad, dan lanqas seta’ jigi propost minn Tony Farrugia fil-veste ta’ eredi ghax hu f’dak il-mument tal-prezentata ta’ l-appell ma kellux l-interess guridiku li hekk jaghmel la darba ma kienx opportunement ottempera ruhu mal-formalita` tal-ligi fit-termini tal-precitat artikolu tal-Kapitolu 12. Ghal kull effetti, dak l-interess fil-kwalita ta’ successur ma kienx ghadu dahal fil-patrimonju tad-drittijiet tieghu;

Ma jidherx li hu ammissibbli illi din it-talba ssir zmien wara l-proposizzjoni ta’ l-appell ghall-iskop ta’ l-integrazzjoni ta’ dak l-interess guridiku skond il-karatteristici kollha tieghu. Daqstant iehor, imbaghad, hu inammissibbli, jekk mhux ukoll inawdit, illi l-imsemmi appellanti bhal speci jippretendi li ghandu jkollu r-rimissjoni fit-terminu sussegwenti ghall-approvazzjoni mill-Qorti tar-rikors tieghu u ta’ hutu ghal-legittimazzjoni ta’ l-atti pprezentat xahar wara dak ta’ l-appell. Sa fejn jirrizulta lil din il-Qorti tali ammissibilita` hi, skond il-ligi proceduralі taghna, possibbli biss ghal dawk li huma termini dekadenzjali fil-kaz tal-kontumacja izda mhux ukoll biex tipproroga t-terminu ghal prezentata ta’ l-appell. Fin-nuqqas ta’ previzjoni dispositiva fil-ligi taghna t-terminu ghal proposizzjoni ta’ appell mhux suxxettibbli la ta’ sospensjoni u lanqas ta’ proroga. Dak it-terminu mhux fid-disponibilita` tal-parti li jista’ jestendih kif irid u meta jrid bl-iskop ta’ proroga ta’ terminu posterjuri ghal dak skadut. Biex jinghad kollox, imbaghad, ukoll sa fejn taf din il-Qorti, anke taht il-ligijiet kontinentali, in partikolari dik Taljana, ir-rimessjoni fit-terminu fil-kazijiet eccezzjonali fejn dan hu konsentit, jidher li hu possibbli jew ammissibbli f’dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikun muri li tezisti kawza impellenti li taghha, min iressaq it-talba, ma jkunx imputabbli. Jekk hemm bzonn jigi replikat, fil-kaz in disamina, il-pretensjoni ta’ l-appellanti hi wahda inidoneja in kwantu hu naqas,

b'inkurja jew bi traskuragni, milli tempestivament u flimkien ma' l-appell tieghu jressaq talba konkorrenzjali ghal-legittimazzjoni ta' l-atti u trasfuzjoni tal-gudizzju;

F'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti ssib li l-eccezzjoni tan-nullita` opposta mis-socjeta` appellata hi flokha u ghandha tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tal-nullita` ta' l-appell u konsegwentement tichad l-istess appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------